## IL-VJATKU

*Il-għodwa siekta tal-Belt...*
*tkeffen il-lejl mitmum,*
*teqred is-satra sewdenija,*
*timla l-ħajja b' dawl il-jum,*
*tilqa' d-dawra ta' Kristu mbellah bl-Imħabba...*

*Tfal, tfal, tfal... bla ħjiena,*
*xjuħ, xjuħ, xjuħ... bla ħajja,*
*iterrqu u jgewdwdu talba;*
*u tinn, tinn, tinn, tinn, tinn,*
*tħabbar bla ħajr qanpiena mġelġla*
*il-wasla tal-Mulej Alla*
*fix-xbiha ta' Hobż bajdan.*

*Mejtin it-toroq:*
*imsakkrin il-bibien;*
*magħluqin it-twieqi;*
*ħemdin il-gallarijiet;*
*misturin il-purtelli;*
*sektin il-qtates wil-klieb;*
*maqfulin il-ħamiem;*
*safi jsaltan in-nifs fit-toroq:*
*b' egħluq id-djar ma ttaqqalx;*
*... it-toroq baħħ.*

*Għajnejn ħomor u mċajprin, miksurin;*
*Imħuħ bit-taħwid tal-lejl imdallmin;*
*Idejn mitlufin, mitluqin bla ħeġġa;*
*Saqajn mitruħin mitfugħin bla ħajja;*
*Wiċċ mitkiefes jixbed tiġrib il-qalb;*
*Demm u laħam f' ġisem misjur magħġuna:*
*u tinn, tinn, tinn, tinn, il-qanpiena mġelġla*
*tħabbar il-wasla ta' Sid il-Holqien.*

*Irkobba waħda tmil fit-triq*
*quddiem is-Sultan tas-Slaten.*
*Jittawlu l-uċuħ wara t-tendini*
*u jaħarbu wara l-ħajt tal-ġebla*
*minn ħarset is-Sultan tas-Slaten,*
*u għajr irkobba waħda*
*ma ssellimx lil Sid il-Holqien.*

*Hluq jittewbu,*
*xofftejn jiġġebbdu,*
*idejn jitmattru,*
*għajnejn jitbexxqu:*
*raġa' sebaħ il-jum;*
*barra jterraq il-Vjatku.*

*Kristu fil-għodwa għaddej jfittex il-qlub*
*jilqgħuh fil-għamara ta' demm u laħam...*
*Sid il-Ħolqien jfittex wens il-Bniedem*
*bil-għilt imtaqqal mal-qiegħa kiesħa...*
*Is-Sultan tas-Slaten iterraq waħdu*
*jittallab dwejra tilqgħu u twennsu...*

*...u tinn, tinn, tinn, tinn, il-qanpiena mġelġla...*

*Kristu riesaq...*
*...għadda...*
*mar...*
*intesa.*

ANTON AGIUS MUSCAT